INTERVISTI MAL-KANDIDATI TAL-PL GĦALL-ELEZZJONIJIET TAL-PE

# MEP għandu jżomm idejh fuq il-polz taċ-ċittadin

PROFIL

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom: | Marlene Mizzi |
| Data tat-twelid: | 24 ta' Diċembru, 1954 |
| Professjoni: | Imprenditriċi/ Sid ta' numru ta' ħwienet |
| Ktieb favorit: | "Change We Can Believe In" Barack Obama |
| Passatempi: | Qari, vjaġġar, daqq tal-pjanu u work outs |
| L-iktar ħaġa li togħġbok fil-politika: | Il-kuntatt dirett man-nies |
| L-iktar ħaġa li ddejqek fil-politika: | Min iwiegħed ħafna biex iġib il-voti bla intenzjoni li jwettaq dak li jwiegħed |



1. X'inhi l-bażi li fuqha ddeċidejt li tikkontesta l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew u x'inhi l-bażi li fuqha se tkun qiegħda isservi bħala MEP?

Għalkemm din hija l-ewwel darba li ser noħroġ għall-politika, jiena ili fix-xena pubblika mis-sena 1997, jiġifieri minn meta ġejt appuntata Chairman tas-Sea Malta u direttur fuq il-Bord tal-Bank of Valletta.

Meta Joseph Muscat ħajjarni biex nikkontesta għall- elezzjoni tal-Parlament Ewropew (PE) f'isem il-PL, jien domt naħsibha mhux ħażin għax kelli idea li dan il-pass kien ser ibiddilli ħajti mil-lejl għan-nhar. Infatti, issa li l-kampanja elettorali qiegħda 'in full swing', għandi ftit ħin għalija u għall-familja tiegħi u lanqas għandi ħafna ħin għan-negozju tiegħi. Però, il-fatt li Dr. Muscat jemmen li jien għandi kontribut validu x'nagħti lill-Partit Laburista u lil pajjiżi bħal MEP għamlilt ħafna kuraġġ li nieħu pass bħal dan. Irrid ngħid ukoll li l-politika Ewropea dejjem interessatni u l-opportunità li nista' nkun waħda minn dawk li fi ħdan istituzzjoni kbira bħall-PE naħdem għall-ġid ta' pajjiżi, hija sfida li m'iniex nibża' nidħol għaliha –ukoll jekk qed tiswieli ħafna sagrifiċċji personali.

Il-bażi li jien nixtieq inservi bħal MEP hi sempliċi ħafna: li nagħmel ħilti kollha biex dak kollu li hu tagħna - noħduh; id-drittijiet kollha li għandhom pajjiżi l-oħra fl-EU –noħduhom;- il-fondi kollha li jmissu lil Malta – inġiebuhom; dak kollu li nistgħu intejbu bis-sħubija fl-EU – intejbuh; inġiebu investiment li joħloq ix-xogħol; u biex kollha kemm aħna, mingħajr eċċezzjoni ta' ħadd, inħossu verament il-benefficcji tad-dħul tagħna f'dan il blokk ekonomiku daqs tant kbir u mportanti – u mhux naqdu l-obbligi biss.

2. Kemm temmen li MEP Malti jista' jagħmel differenza f'Parlament daqstant kbir?

F'gazzetta ta' nhar ta' Ħadd tal-Partit Nazzjonalista ġejt ikkritikata għax f'xi artikli tiegħi jien ktibt fuq l-ambizzjonijiet li għandi għal pajjiżi jekk niġi eletta biex nirrappreżenta lil Malta bħala MEP. L-ambizzjonijiet tiegħi huma li intejbu l-livell ta' l-edukazzjoni, intejbu s-servizz tas-saħħa li tant qed igergru minnu n-nies, u bir-raġun; li nsolvu l-problema tal-immigranti llegali; li nsolvu l-problemi finanzjarji u fiskali tal-pajjiż; li neħilsu mid-diskriminazzjoni politika li qed tifni lill-ħaddiema fil-livelli kollha; li nimxu lejn soċjetà fejn l-ugwaljanza bejn is-sessi hija vera u attwata. Skond l-artikolist ta' dan il-ġurnal Nazzjonalista, biex jien inwettaq dawn l-affarijiet irrid inkun 'Wonder Woman'.

Iżda ma kienx kuntent li ma aċċettax li dak li nixtieq inwetta jien bħala MEP huwa d-dover ta' kull MEP ieħor, iżda ikkummenta kemm hu inutili li tipprova tagħmel dawn l-affarijiet meta jien inkun biss waħda minn 785 MEP ieħor. Hija vera ironija li kien ġurnal tal-Partit Nazzjonalist li qed jgħid kemm ma niswew xejn għax iċ-ċokon tagħna jintilef fost il-ħafna!

Veru li aħna żgħar, iżda aħna wkoll nagħmlu parti mill-akbar grupp fi ħdan l-UE - il-PES. Iżda barra minn hekk għandna immorru madwar il-mejda ma pajjiżi oħra bid-dinjità u bil-kburija kollha ta' pajjiż membru daqs kull pajjiż ieħor membru fl-EU.

3. X'inhuma t-temi ewlenin li tara li hu fl-interess ta' pajjiżna li MEP elett għandu jqajjem fi Brussel u jew x'taħseb li huma l-iktar setturi li se jkunu qegħdin jingħataw prijorità mill-MPE li se jkunu eletti f'isem il-PL?

It-temi li għandhom jiġu diskussi u mqajma fil-PE huma dawk it-temi kollha li jinkwetaw liċ-ċittadini Maltin li jkunu poġġew il-fiduċja tagħhom fl-MEPs permezz tal-vot u li fdawhom li jkunu f'pożizzjoni li jsolvu dawn il-problemi. Irridu jitqajjmu wkoll dawk it-temi kollha li jirriżultaw ta' ġid u fl-interess ta' pajjiżna. L-akbar żball li jista' jagħmel politiku hu li jagħlaq windnejh għal dak li jrid u jħoss il-poplu li jirrappreżenta. Meta jagħmel hekk mhux biss ikun qed jinjora lil min fdah, iżda ma jkunx effettiv fil-qadi ta' dmirijietu. Għalhekk, l-MEP irid iżomm idejh fuq il-polz taċ-ċittadin biex ikun jista' jindirizza dawk l-issues li jkunu qed idejjqu lil sezzjoni jew oħra tal-pajjiż b'mod effettiv.

Is-settur li għandu l-aktar jingħata prijorità, huwa id-dritt taċ-ċittadin: dritt għal edukazzjoni inklussiva, dritt għas-servizz tas-saħħa tajjeb u fil-ħin, dritt għall-informazzjoni. Settur importanti ieħor huwa is-settur ta' l-investiment u x-xogħol. Ix-xogħol huwa dritt sagrosant tal-bniedem biex ikun jista' jgħix u jgħajjex lill-familja b'mod dinjituż. L-UE hi magħmula minn pajjiżi avvanzati u industrijalizzati ħafna iżda ma tantx ġie investiment minn dawn il-pajjiżi lejn Malta. Aħna pajjiż żgħir, u dan ukoll għandu l-vantaġġi tiegħu. Ma tridx wisq biex timlina bix-xogħol. L-MEPs tagħna għandhom ikunu ambaxxaturi biex jiġbdu l-investimenti lejn Malta u il-problema tal-qagħad, li dejjen qed tikber, tittaffa.

Irridu wkoll nindirizzaw il-problem ta' l-immigrazzjoni illegali. Il-patt ta' Immigrazzjoni li ġie iffirmat hu biss farsa biex jgħadduna biż-żmien. Ħadd mhu ser jieħu problemi b'mod volontarju. Il-patt irid ikun li din il-problema ta' immigranti li daħlu f'pajjiżna b'mod illegali jrid iġorrha kull pajjiż membru, indaqs.

Il-problema tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet bejn l-irġiel u n-nisa hu wkoll importanti. Il-mara ma mxietx 'il quddiem daqs kemm setgħet timxi. Dan għaliex ma hawnx strutturi biżżejjed biex igħinu lil dawk li għandhom tfal żgħar u m'għandhomx min joħdilhom ħsiebhom jew li huma single mothers. M'hawnx kunċetti ta' flexitime biex persuna taħdem ħinijiet komdi għaliha u għal min iħaddimha u fl-istess ħin tlaħħaq max-xogħol taddar jekk ma hemmx min jgħinna. Dawn huma kollha affarijiet li ilhom jeżistu fl-Ewropa u hekk għandu jkunu hawn ukoll.

Il-PES għandhom programm elettorali tajjeb ħafna li jkopri ħafna issues importanti ukoll għal Malta. Irridu niżguraw li dan il-programm jiġi attwat u ingawdu minnu żgur.

4. X'inhi r-raġuni li għaliha fis-6 ta' Ġunju li ġej, il-votant Malti u Għawdxi għandu jagħti vot lill-kandidati tal-Partit Laburista?

Hemm raġuni serja ħafna għaliex hemm bżonn li l-Maltin jagħtu l-vot tagħhom lill-kandidati fil-lista Laburista. Iridu jkunu l-MEPs Laburisti biex jiżguraw li l-Gvern attwali jaqdi d-dmirijiet tiegħu kollha, jiżguraw id-drittijiet tal-Maltin u jikkontrollaw li l-fondi li huma bi dritt tagħna ma nitilifuhomx. Il-kandidati li jirrappreżentaw lil dan il-gvern m'huma ser jagħmlu xejn biex juri li l-Gvern mhux qed jagħmel dak li messu jagħmel, jew li qed jaġixxi kontra ċ-ċittadinti tiegħu u mhux skont ir-regoli tal-EU. Ħu l-eżempju tat-taxxa tal-VAT fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi. Trid tgħidli li d-Deputati Nazzjonalisti ma kinux jafu b'dan? Irid ikun hemm checks u balances ukoll fir-rappreżentanza tagħna fl-UE u dawn il-kontrolli li jassiguraw liċ-ċittadin li l-interessi tagħhom mill-gvern qed jiġu moqdija. Dawn jistgħu jassigurawhom biss ir-rappreżentanti Laburisti.

Iżda ma nistax hawn ma nawgurax li kull min jiġi elett, lit-team kollu Malti jiġi mil-liema partit jiġi, jaħdmu flimkien għall-ġid ta' Malta, u jiġbdu l-istess ħabel u qatt ma jinsew li qed jirrappreżentaw lil pajjiżhom.

5. X'differenza tista' tagħmel il-ħatra tiegħek fil-PE għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin fil-leġislatura li jmiss tal-PE?

L-uniku interess li għandi jien biex dħalt fid-dinja tal-politika hija biex nagħti il-kontribut tiegħi lil pajjiżi taħt il-kappa tal-PL. Dan ngħidu bl-akbar responsabilità ta' persuna, ċittadina ta' dan il-pajjiż li ilu taħt l-istess gvern għal dawn l-aħħar 21 sena u li ser ikun hemm għal 25 sena sħaħ. Dan hu defiċit kbir tad-demokrazija għax l-alternanza tal-partiti hija waħda mill-pilastri importanti tal-prinċipji demokratiċi. Jien nixtieq, bl-esperjenza tiegħi fil-qasam pubbliku, fil-qasam tat-tmexxija azjendali, kif ukoll mil-lat akkademiku nagħti sehemi kemm lil pajjiżi u kemm lill-PL.

Irridu nuru lill-elettorat li meta niġu għall-elezzjoni ġenerali, il-PL ma jkunx fil-gvern għax xebgħu mill-Gvern Nazzjonalista, iżda għax ikun il-PL li qed joffri l-aħjar viżjoni għal Malta.

Jiena nara ħafna vantaġġi fi sħubija tagħna fl-UE u rrid inkun parti minn team ta' nies li jagħmlu ġid lil pajjiżhom fi ħdan dan il-grupp ekonomiku kbir.

Bħala membri sħaħ tal-UE aħna għandna obbligi onerusi ħafna, u m'għandi l-ebda dubju li l-UE ma tħallilniex waħda għaddejja. Iżda fl-UE hemm ukoll drittijiet u opportunitajiet li aħna għandna naħdmu għalihom u wkoll m'għandna nħallu xejn jaħarbilna.

Jien m'iniex imdorrija nagħmel wegħdi biex nisraq il-voti għax m'hemmx insult akbar lill-elettorat milli twiegħed u ma troddx. Il-pajjiż qed isofri biżżejjed minn wegħdiet ta' qabel l-elezzjonijiet u li intessew wara, u dan mhux sew.

Li nwiegħed żgur hu: li nagħmel ħilti kollha, bl-esperjenza fit-tmexxija azjendali u kapaċità fin-negozjar, kif ukoll li nuża l-background akkademiku tiegħi biex naħdem għall-ġid ta' pajjiżi u biex kulħadd igawdi mis-sħubija tagħna fl-UE.

Meta kelli niġġieled l-akbar bullies u nies arroganti li ħoloq dan il-pajjiż ma qagħadx lura speċjalment meta kont konvinta li dak li qed nagħmel qed nagħmlu f'isem is-sewwa. U ż-żmien tagħni raġun. Lanqas ma ser nikkonfondi niġġieled (mhux f'sens ta' vjolenza) għad-drittijiet tal-Maltin jekk ikun hemm bżonn. Is-slogans elettorali tiegħi huma b'impenn għalik fl-Ewropa (u bl-Ingliż COUNT ON ME) Min jafni sew, jaf li dawn huma wegħdiet serji u mhux paroli fil-vojt.